# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

**Tel: 21573045/ Fax:21578118**
**www. parroċċaburmarrad.com**
**email:parbur@waldonet.net.mt**

***LEĦEN IL-PARROĊĊA - Ġunju/ Lulju 2010 - Nru. 334***

Il-Paċi tal-Mulej magħkom,

**"Ruħi Tfaħħar il-Kobor tal-Mulej, u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla is-Salvatur tiegħi"**

Hekk qalet Marija, lil qariba tagħha Elizabetta, kliem li jnissel fina x'xewqa li infaħħru lil Alla ta' dak kollu li jagħmel magħna.

Għandna għalfejn infaħħruh lil Alla? Marija faħħritu għaliex għamel magħha ħwejjeġ kbar u miegħek ukoll qiegħed jagħmel, ħares ftit lejn il-ħajja tiegħek u hemm tkun taf kemm qed jagħmel ħwejjeġ sbieh fil-ħajja tiegħek.

Imma għeżież fil-ħajja tajjeb li nkunu ottimisti u mhux negattivi, inħarsu lejn it-tajjeb tagħna u mhux biss lejn il-ħażin, u li naraw kollox ħażin f'dawk ta' madwarna għaliex naħsbu li aħna biss it-tajbin jew aħna biss nagħmlu l-affarijiet tajba, għaliex tkunu qegħdin tagħmlu ħsara lil ta' madwarkom. Il-kritika hija tajba meta hija kritika kostruttiva għax tgħin lil ħaddieħor jagħraf fejn jista' jmur aħjar. Imma jekk inti għandek kritika x'tagħmel tajjeb li ssib il-persuna kkonċernata' u mhux titkellem ma ħaddieħor għaliex tkunu qegħdin tagħmlu ħsara. Min jagħmel hekk jindika li f'ħajtu qatt ma kellu kuntentizza u li ma għandux karrattru sod u mhux kapaċi jiffaċja lil ta' madwaru. Il-kuntrarju Marija Santissima li aħna nagħmlu festa tagħha, bil-ħajja tagħha turina karattru totalment differenti għaliex wara dak kollu li għaddiet minnu hija xorta waħda baqgħet mara li tħobb, li tgħin, li tagħder, li tifhem, u li qabel kollox qabel ma hija taġixxi u tparla hija kienet tirrifletti.

U hekk għandha tkun il-ħajja tagħna, li qabel kollox għandna nirriflettu, kemm doni sbieħ tagħna l-Mulej fil-ħajja tagħna u naraw kif dawn nistgħu nużawhom għal ġid tagħna nfusna kif ukoll għal ġid ta' dawk ta' madwarn. Hekk ukoll fil-parroċċa tagħna jekk aħna verament nemmnu u għandna fidi f'Ġesu' Kristu li tak il-ħajja u għamlek xbieha tiegħu. Għalhekk irrifletti fuq dak li tagħmel u tgħid fuq ħaddiehor. Ftakar li inti min din il-ħajja qiegħed – qiegħda tibni il-ħajja tiegħek ta' dejjem.

Awguri mill-Qalb f'din il-festa tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Ommna Marija. Jalla tħares il-quddiem fil-ħajja tiegħek u tagħraf lilek innifsek, u li din il-festa tkun għalik ta' ġid spiritwali. Kemm għalik innifsek kif ukoll għall-familja tiegħek.

Inħeġġeġ lil kull parruċjan biex jattendi għal mumenti ta' preparazzjoni li jsiru fil-parroċċa, biex hekk niċċelebraw festa iżjed sabiħa u xierqa lil Ommna Marija fil-Jum tal-Festa tagħha.

Tkunu imberkin

P. Donald Bellizzi OFM Conv Kappllan

## Ħsieb Spiritwali

# KUN KUNTENT KIF INT!

L-għira tiekol biss lil qalb tagħha, u xejn iżjed. Hekk igħid proverbju Germaniż. L-għira hija waħda mis-seba' irjus tad-dnubiet il-mejta. Imma hija l-unika dnub li ma joffri l-ebda pjaċir. Id-dnubiet l-oħra joffru xi forma ta' sodisfazzjon, anki jekk għal ftit tal-mumenti biss, imma l-għira toffri biss dwejjaq u mrar.

Darba waħda mara li kienet kittieba ta' diversi kotba u artikli ta' suċċess, hekk kif semgħet li l-ħabiba tagħha kienet għadha kif kitbet ktieb tajjeb, bdiet tgerger u teqred tant kemm tiflah. Ir-raġel tagħha fakkarha li min jaf kemm kien hemm kittieba li xtaqu kieku jkollhom is-suċċess tagħha, u staqsiha: "Imma allura xi trid iżjed?" U hi weġbitu: "Irrid izjed." L-istess mara tgħid li dak li ħasset dak il-ħin kien ikrah ħafna, għax qisek qed tgħid lil Alla: "Dak li pprovdejtli inti m'hux biżżejjed."

Iva, dik hi il-problema kbira ta' l-għira. Tagħmilna għomja għall-grazzji kbar li diga' tana l-Mulej Alla. Ninjoraw dak kollu li għandna, qisu m'għandna xejn, u nixxenqu għal dak li għandu ħaddiehor. Nixxenqu għal djar, karozzi u ħwejjeġ isbaħ. Nixxenqu għal xogħol u ċertifikati aħjar. Nixxenqu għal talenti, ġmiel, edukazzjoni, pozizzjoni, flus, irġiel, nisa....semmi li trid. F'moħħna dejjem hemm il-ġibda illi ħaddieħor huwa aħjar minna u allura aktar ferħan minna. Min jgħir huwa persuna li jbati ħafna. Huwa vittma, u jgħix ħajtu jmut bil-mod il-mod.

Hemm bżonn kbir illi nimxu 'l quddiem, inħallu warajna d-dnub ta' l-għira u naslu lejn il-virtu' tal-kuntentizza. Kif? Billi dejjem niftakru x'jgħid il-Ktieb tal-Proverbji:

'*Żewġ ħwejjeġ tlabt mingħandek, tiċħadhomlix qabel ma mmut. Qerq u gideb begħidhom minni, faqar u għana la tagħtinix, iżda agħtini ħobż daqs kemm jeħtieġli.' (Prov 30, 7-9)*

Niftakru wkoll x’jgħid San Pawl lil Filippin: ‘Naf ngħix fil-għaks u fil-ġid. Jien imdorri f’kollox u għal kollox, fix-xeba’ u fil-guħ, fil-ġid u fil-għaks. Għal kollox niflaħ f’Dak li jqawwini.’ U lil Timotju jgħidlu: ‘Xejn ma ġibna fid-dinja u xejn ma nistgħu nieħdu. Meta għandna l-ikel u l-ilbies, ħa nkunu kuntenti bihom. Imma dawk li jridu jistagħnew, jaqgħu fit-tiġrib, fl-ingassa u f’ħafna xewqat boloh u ta’ deni li jgħarrqu l-bniedem fil-ħsara u t-telfien.’(1Tim 6, 7-9)

Ukoll, irridu nitolbu ħafna ħalli Ġesu’ jeħlisna minn dan il-jasar. Jekk inħobbu lilu, ma jonqosna xejn! Xejn.

JEKK INTI TOQGĦOD TIXTIEQ LI TKUN IL-PERSUNA LI M’INTIX, TKUN QED TAĦLI IL-PERSUNA LI INTI.
(John Wesley)

Sarah Tanti



# Djarju {unju

**L-Erbgħa 2:** Lectio Divina wara l-quddiesa ta' filgħaxija.

**Il-Ħamis 3:** Siegħa Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' r- Rabat. Tluq fl-12.00pm minn fejn il-Knisja.

**Is-Sibt 5:** Siegħa Adorazzjoni fil-Knisja immexxija mil-Membri tal-Legjun ta' Marija tal-Parroċċa b'riparazzjoni għall-offizi li jsiru lil-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija.

**Il-Ħadd 6:** **Solennita' ta' Corpus Cristi. Ġurnata Ġesu' Espost fil-Knisja**. Fis-6.00pm toħroġ il-purcissjoni bis-Sagrament u tgħaddi minn dawn it-toroq Triq Burmarrad, Triq San Pawl Milqi, Triq Patri Wistin Magro, il-parti t'isfel ta' Triq Magħsar, Triq Burmarrad sa fuq iz-zuntier tal-Knisja. Kif tidħol il-Purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali u wara toħrog il-Quddiesa tas-7.00 ta' filgħaxija.




**It-Tlieta 8:** Siegħa Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-Knisja, animata mill-membri tal-Kummisjoni Liturġika, tibda fis-6.00pm.

**Is-Sibt 12:** Peress li l-Festa ta' Sant Antnin ta' Padova taħbat il-Ħadd 13 il-Quddiesa għat- tfal sejra issir illum is-Sibt fid-9.30am. Il-quddiesa tkun animata mit-tfal stess għalhekk inħeġġeġ lill-ġenituriu biex jibgħatu t-tfal tagħhom għal din iċ-ċelebrazzjoni fejn fiha jiġi imbierek u imqassam il-ħobz ta' Sant Antnin lit-tfal prezenti għal din il-quddiesa. Illum jaħbat ukoll il-festa liturgika tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.

**Il-Ħadd 13:** Membri tal-Kumitat tal-Festa Parrokjali sejrin joħorgu jiġbru bieb bieb għall-bzonnijiet tal-festa titulari. Dan isir wara l-quddiesa tat-8.30am. Fl-10.30am laqgħa tal-Grupp GRUFAN fis-sala tal-Kunvent.

**Is-Sibt 19:** Nibdew il-preparazzjoni għal festa titulari fejn wara l-quddiesa ta' filgħaxija issir il-Festa Familja fuq iż-żuntier tal-Knisja. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Il-Ħadd 20:** **Jum il-Missier.** F' dan il-Jum fil-quddiesa ta' filgħaxija niċċelebraw jum il-Missier, quddiesa tkun animata mil-kummisjoni familja bis-sehem tal-banda membri mil-parroċċa. Wara l-quddiesa jkun hawn il-Ħruġ ta' l-Istatwa titular minn niċċa.

**Mit-Tnejn 21 sal-Ħadd 27** ta' Gunju huma jiem ta' festa fil-parroċċa tagħna. Dettalji ta' din il-Ġimgħa issibuh fuq il-programm tal-festa.



# Djarju Lulju

**Il-Ħadd 4:** Għeluq il-festi. Fis-7.00pm quddiesa ta' ringrazzjament u dħul tal-Istatwa Titulari. Il-Quddiesa tkun animata mill-kor tal-parroċċa. Wara l-quddiesa fuq iz-zuntier tal-Knisja ikun hemm Barbeque għal kulħadd.

**L-Erbgħa 7**: Wara l-quddiesa ta' filgħaxija ikun hawn il-Lectio Divina.

**Il-Ħamis 8**: Siegħa Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' Rabat. Tluq fl-12.00pm minn fejn il-Knisja.

**Is-Sibt 10:** Siegħa Adorazzjoni fil-Knisja immexxija mill-Membri tal-Legjun ta' Marija tal-Parroċċa b'riparazzjoni għal offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija.

**Il-Ħadd 11:** Fl-10.30am laqgħa tal-Grupp GRUFAN fis-sala tal-Kunvent.

**It-Tlieta 13:** Siegħa Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-Knisja, animata mil-membri tal-Kummisjoni Liturgika, tibda fis-6.00pm.

**Il-Ħadd 18:** Fl-10.00 ta' filgħodu fil-parroċċa tagħna jkun hawn is-sagrament tal-Grizma ta' L-isqof.

**It-Tlieta 20**: Il-parroċċa mistiedna tieħu sehem fis-settena tad-Duluri fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar fejn niċċelebraw l-Ewkaristija bis-sehem tal-Kor tal-Parroċċa tagħna. Il-Quddiesa hija fis-6.30pm. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**L-Erbgħa 21:** Wara l-quddiesa ta' filgħaxija jkun hawn l-Lectio Divina.

## *Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija Burmarrad*

Min jixtieq li din is-sena jerfa' fl-istawa fil-festa li ser issir fit-27 ta' Gunju 2010, jimla din il-formola u jagħdiha lill-kappillan, sa nhar il-Ħadd 20 ta' Gunju 2010.

Ir-reffieha jiġu magħzula minn dawk l-applikanti li jkunu qegħdin jagħtu sehmhom fl'armar tal-festa flimkien mal-membri tal-kumitat għaliex huwa xieraq li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu għal inqas f'dan iż-żmien ta' armar li jsir fil-parroċċa tagħna. Il-festa issir għal kulħadd għalhekk tajjeb li inħossu l-bzonn li nmiddu jdejna ukoll flimkien.

Aktar il-quddiem issir lagħqa sabiex jiġu magħzula dawk li jkunu sejrin jerfgħu.

Isem u Kunjom:

_______________________________________

Indirizz : _______________________________________

_______________________________________

_______________________________________

Tel. no. / Mobile: _______________________________

P.Donald M. Bellizzi ofm conv.
Kappillan.

# Il-Formazzjoni Tag]na u ta' Uliedna

Il-Formazzjoni Tag]na u ta' Uliedna

## ***Nibnu relazzjonijiet b'saħħithom***



Ilum ser inkomplu nitkellmu ftit dwar xi karatteristiċi li huma mportanti sabiex ir-relazzjonijiet li nibnu jkunu relazzjonijiet b'saħħithom, relazzjonijiet li jibqgħu hemm anki meta aħna nkunu għaddejjin minn żmien ta' maltemp u taqlib.

Fix-xhur li għaddew konna għidna li l-karatteristiċi ta' relazzjonijiet b'saħħithom huma:

- **Impenn**
- **Rispett**
- **Sostenn**
- **Ugwaljanza**
- **Fiduċja**
- **Liberta'**
- **Mod san ta' kif jiġu risolti l-kunflitti**

F'Marzu iddiskutejna l-Impenn u r-Rispett u f'April is-Sostenn, l-Ugwaljanza u l-Fiduċja. Illum se niddiskutu il-Liberta' u Mod san kif jistgħu jiġu risolti l-Kunflitti.

**Il-Liberta'**

Ħafna drabi meta nisimgħu li xi ħadd se jitgħarras bis-serjeta' jew iżjed w iżjed ser jiżżewweġ nieħdu gost niġbdulu ftit saqajh u ninkuh li issa "daqshekk liberta"! Għalkemm inkunu qed ngħidu dan biċ-ċajt ħafna minna tassew nemmnu illi meta wieħed jikkommetti ruħu bis-serjeta' ma' persuna waħda, bħal ma jsir fiż-żwieġ, dan ikun qed inaqqas mil-liberta' tiegħu. Iżda dan m'għandux ikun hekk – anzi propju bil-maqlub, jiġifieri jekk aħna nikkommettu ruħna f'relazzjoni taż-żwieġ, għandna naħdmu sabiex permezz ta' din ir-relazzjoni nsiru persuni aktar liberi.

Insiru aktar liberi għax aħna nħossuna aċċettati, rispettati u maħbubin kif aħna, bit-tajjeb u l-anqas tajjeb li hemm ġewwa fina. Inħossuna aktar liberi għax aħna nafu illi fir-relazzjoni dejjem se nsibu kenn – anki meta n-nies ta' fuq ix-xogħol ma fehemunix, anki meta kollox qed jidher ġej kuntrarju, jien naf li meta se mmur lura d-dar u se nitkellem mar-raġel jew il-mara tiegħi, dan se jifhimni u joffrili kelma ta' kuraġġ; dan mhux ser jiġġudikani u jagħtini tort. Dan il-ħsieb lili jagħtini wens u sens li jiena nkun nista' nħossni libera minn dawn il-kummenti negattivi li jkun għaddieli ħaddieħor.

**Il-Kunflitti**

Ir-riċerka turi illi dawk in-nies li jkollhom relazzjoni b'saħħitha u pożittiva ħafna mas-sieħeb tagħhom kollha jirrikonoxxu li l-kunflitt huwa preżenti fir-relazzjoni tagħhom. Fil-waqt li mhux pożittiv illi koppja jkunu qed jargumentaw kull meta jaraw wiċċ xulxin, jekk koppja ma tkun targumenta qatt dan ħafna drabi ma jkunx sinjal tajjeb lanqas. Niftakar lin-nanna tiegħi tuża l-frasi "anki l-imsaren fiż-żaqq ikollhom xi jgħidu aħseb u ara l-miżżewwġin!". U tassew naħseb illi ma nkunux realistiċi jekk nistennew illi ma jkollniex argumenti mas-sieħeb tagħna. Wara kollox aħna persuni differenti, trabbejna f'familji differenti, jinteressawna affarijiet differenti, u naħsbuha differenti fuq diversi ħwejjeġ.

Li hu mportanti hu kif nirrisolvu l-kunflitti li jinqalgħu bejnietna. Ħafna drabi huwa dan li jagħmel id-differenza bejn koppja li qed ikollha esperjenza pożittiva fiż-żwieġ u oħra li donnha qabdet it-triq tan-niżla. B'hekk ser naqsam magħkom xi punti għar-riflessjoni dwar x'għandna nikkunsidraw meta jinqala' kunflitt:

- Meta jkollna kunflitt huwa mportanti li nibqgħu nisimgħu lil xulxin u ma nkunux moħħna biss f'dak li qed naħsbu u ngħidu aħna. Importanti għalhekk illi nagħtu ċans lil xulxin biex ngħidu dak li naħsbu, u aktar w aktar importanti, dak li nħossu. Inutli nitfgħu l-affarijiet taħt it-tapit – dak li nitfgħu taħt it-tapit illum ser jerġa' jwaqqagħna 'il quddiem!
- Huwa mportanti wkoll illi nibqgħu nirrispettaw lil xulxin u mhux nitilfuha u nibdew ngħajjru lill-persuna l-oħra, jew aktar agħar, noffenduha. Meta jsir dan il-persuna l-oħra tħossha mweġġa' u jkun aktar diffiċli biex il-kunflitt li jkun qam jirrisolvi ruħu.
- Huwa mportanti wkoll illi iż-żewġ naħat iħossu li għandhom l-ispazju fejn jesprimu lilhom infushom u mhux dejjem ikollha ċċedi l-istess persuna. Ma ninsewx x'konna għidna dwar l-ugwaljanza, - f'relazzjoni fejn hemm l-ugwaljanza ħadd ma jħossu aħjar minn ħadd, u ħadd ma jkollu jagħlaq ħalqu u jbaxxi rasu għall-ieħor – iżda l-idea tkun li naslu għal kompromess.

**Konklużjoni**

Fil-waqt li nispera li dawn il-punti jgħinuna nirriflettu u b'hekk insaħħu ir-relazzjonijiet tagħna, huwa tajjeb ukoll li nsemmu li jkun importanti illi nitolbu l-għajnuna ta' xi ħadd ieħor. Dan jista' jkun  xi direttur spiritwali, jew xi counselor minn ta' Cana jew xi social worker mill-Appoġġ. Dawn il-persuni jagħmlu ħafna xogħol utli ma' koppji li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet bejniethom. Fil-waqt li huwa tajjeb li l-ewwel nippruvaw nirrisolvu d-diffikultajiet ta' bejnietna aħna stess, huwa għaqli wkoll illi jekk naraw illi maħniex naslu u l-affarijiet qed imorru għall-agħar nitolbu l-għajnuna – kien hemm ħafna persuni illi għax għamlu hekk salvaw iż-żwieġ tagħhom.

Daniella Zerafa

# Rokna għat-Tfal - ĠUNJU

Ħellow tfal,



Ħalluhom it-tfal żgħar jiġu għandi….

Tinsabu tajbin? Nispera. Naħseb hawn minnkom li f'dan ix-xahar għandkom l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena. Importanti li tibdew tistudjaw kmieni u ma tħallux kollox għall-aħħar ġimgħa. Inkella faċli li taqtgħu qalbkom. Barra minn hekk jekk forsi tkunu ma tifilħux żgur li mhux ser ikollkom aptit toqogħdu tistudjaw. Pero` tfal, ftakru wkoll li huwa ħafna mpor-tanti li ssibu ħin għall-mistrieħ. Tistgħu tħallu l-ġurnata tal-Ħadd libera u tagħmlu dawk l-affarijiet li ma jkollkomx ċans tagħmlu matul il-ġimgħa.

Tfal, għalina l-insara l-jum tal-Ħadd huwa l-ewwel u qabel kollox jum ta' ferħ għax f'dan il-jum niftakru fil-qawmien mill-mewt ta' Ġesu' Kristu. Dan is-seba' jum għandu wkoll ikun jum ta' mistrieħ għal moħħna, għal ġisimna u għal ruħna. Dan għaliex anke` Alla waqaf jistrieħ f'dan il-jum meta kien qed jagħmel id-dinja! F'din il-ġurnata tajjeb li niċċarġjaw il-batteriji biex b'hekk inkunu nistgħu naħdmu sew. Inkella faċli nimirdu u dak kollu li nkunu qed nistudjaw ninsewh jew ma jibda jidħol xejn f'moħħna.

Tfal, tinsewx ukoll biex f'dan il-jum tal-Ħadd tmorru tisimgħu l-quddiesa. Din għandha tkun il-qofol ta' dan il-jum. Il-quddiesa hi festa u hu proprju li meta mmorru l-Knisja nkunu qed nilqgħu l-istedina li jkun għamlilna Ġesu'. B'hekk nhar ta' Ħadd nibdew nieħdu sehem f'din il-festa ma' Ġesu' u ma' ħutna l-insara l-oħra.

Tfal, tkun ħaġa sabiħa wkoll li f'jum il-Ħadd ma taħsbux biss fikom infuskom. Forsi tafu b'xi nies li m'għandhomx familja u li jqattgħu dan il-jum waħedhom bħall-bqija tal-ġimgħa. Tkun ħaġa sabiħa ħafna li tgħaddi ftit mill-ħin prezzjuż tagħkom ma' dawn in-nies.

Nispera li ħadtu gost taqraw dan l-artiklu u mil-lum 'il quddiem tibdew tħarsu lejn il-jum tal-Ħadd b'mod differenti milli kontu qabel. Nawgura lit-tfal kollha li ser jagħmlu l-eżamijiet kull suċċess u l-festa t-tajba wkoll!!

Marie Claire

KOMPETIZZJONI

Isem u Kunjom: ________________________________________ _ Eta' : ______

_________ ________________________________________

Indirizz: ____________________________

Agħqqad in-numri wara xulxin biex ikollok stampa sħiħa. Żgur li fil-festa ser tara minn dawn.



# TAJJEB TKUN TAF

- Skola Sajf – Burmarrad Tibda fit-13 ta' Lulju sal-4 ta' Settembru. Ħin mid-9.00am sa 12.00am kuljum . Għal applikazzjoni u aktar dettalji rrikorru għand il-kappillan
- Min jixtieq jagħmel bukkett ta' fjuri lill-Madonna fl-okkażjoni tal-festa għandu jkellem lill-kappillan. Kull bukkett jiswa 30 euro.
- Ħa jibda kors iehor tal-kitarra min huwa interessat jista javvicina lil kappillan
- Tajjeb li nitħeġġu u li nattendu għal funzjonijiet li sejrin issiru fil-Gimgħa tal-festa titular tal-parroċċa tagħna. dawn il mumenti jgħinuna biex nikbru izjed f'imħabba lejn Ommna Marija u lejn il-Qalb tagħha.
- Il-Kappillan flimkien mal-komunita tal-patrijiet u kunsill parrokjali jawguraw il-festa tajba lil familji kollha.



***Bdew il-Ħajja Nisranija:***

Calvin Micallef - 8 ta' Mejju 2010
Kaidan Cortis - 9 ta' Mejju 2010
Martina Spiteri - 15 ta' Mejju 2010
Jamie – Luke Camilleri - 22 ta' Mejju 2010
Gianni Zerafa - 23 ta' Mejju 2010



***Ingħaqdu fiz-Zwieġ;***

Abigail Pace u Adrian Camilleri - 30 ta' April 2010
Krystle Sacco u Paul Borg - 2 ta' Mejju 2010
Caroline Demarco – Justin Schembri - 28 ta' Mejju 2010



***Ingħaqdu mal-Mulej fil-Ħajja ta' dejjem***

Maria Carmela Sammut ta' 73 - 11 ta' Mejju 2010